MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 368/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Zammit)**
**Vs**
**Omissis**
**Mario Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. bejn Gunju u Novembru 2006, gewwa l-Imsida, Hal Tarxien u gewwa dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal vantagg privat tieghu, ghamel uzu minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, jew seraqhom, u dan ai termini tal-Artikolu 127 tal-Kap 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, ircieva jew acceta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, u dan ai termini tal-Artikolu 115 tal-Kap 9;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat u dan ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Dicembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 115, 119, 127, 293, 294, 10(7), 17(b) tal-Kap. 9, u wara li rat l-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tal-appellant, sabet u ddikjarat lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w ikkundannatu sentejn prigunerija li billi deherilha li l-kaz kien wiehed li jixraqlu terminu ta' prigunerija pero' ma kienx hemm fatturi li jipprekludu li tigi sospiza qeghda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tissospendihilu ghal erba' snin oltre kkundannatu l-interdezzjoni perpetwa.
Ordnat li l-kundanna ghall-interdezzjoni tigi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka, tvarja w tannulla s-sentenza appellata w, minflok, wara li jinstemghu l-provi, tvarja w tirrevoka s-sentenza tal-appellant u tissostitwija b'sentenza li certament ma tinkludix interdizzjoni perpetwa jew oltre l-perjodu effettiv tas-sentenza inflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-eccezzjoni preliminari ntavolata fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2009 mill-Avukat Generali w cioe' fejn eccepixxa n-nullita' tal-appell stante li t-talba ma gietx maghmula ai termini tal-Ligi.

Semghet it-trattazzjoni fis-seduta tal-lum fuq din l-eccezzjoni preliminari.

Ikkonsidrat

Illi fit-talba tieghu r-rikorrent talab testwalment hekk :
"Li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka, tvarja w tannulla s-sentenza appellata w minflok wara li jinstemghu l-provi, tvarja w tirrevoka s-sentenza tal-appellant u tissostitwija b'sentenza li certament ma tinkludix interdizzjoni perpetwa jew oltre l-perjodu effettiv tas-sentenza nflitta".

Illi skond l-artikolu 419 (1)(c) tal-Kodici Kriminali r-rikors tal-appell ghandu jinkludi *ad validitatem* talba ghat-thassir **JEW** ghat-tibdil tas-sentenza appellata skond il-kaz li jkun.

Illi f'dan il-kaz l-appellant qed jappella biss mill-piena tal-interdizzjoni perpetwa moghtija fis-sentenza appellata w ghalhekk kien il-kaz li t-talba tkun formulata bil-mod kif gej u cioe' :-
fl-ewwel lok jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata mbaghad jispjega kif u cioe' billi s-sentenza tigi konfermata fil-parti fejn sabet il-htija w fejn ikkundannat lill-appellant ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u revokata in kwantu ordnat l-interdizzjoni perpetwa tal-istess appellant.

Illi t-talba pero' ma gietx redatta b'dan il-mod u dana jgib skond il-gurisprudenza stabilita ta' din il-Qorti n-nullita' tal-istess appell.

Ghaldaqstant tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali w tiddikjara l-appell null u rritwali. Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------